# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-3/16**

**Lucio Cesare Aquino**
**vs**
**Belgische Staat**

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-hof van beroep te Brussel)

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Dritt tal-Unjoni – Drittijiet mogħtija lill-individwi – Ksur minn qorti – Domandi preliminari – Talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja – Qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza"

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Marzu 2017

1. *Domandi preliminari – Talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja – Kwistjonijiet dwar interpretazzjoni – Obbligu ta' rinviju – Qorti li tagħti deċiżjoni li minnha jeżisti rimedju ġudizzjarju fid-dritt intern – Assenza tal-imsemmi obbligu – Nuqqas ta' eżami ta' appell minħabba r-rinunzja għall-atti tar-rikorrent – Assenza ta' effett*

   *(It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE)*

2. *Domandi preliminari – Talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja – Kwistjonijiet dwar interpretazzjoni – Obbligu ta' rinviju – Ċaħda ta' appell ta' kassazzjoni għal raġunijiet ta' inammissibbiltà inerenti għall-proċedura quddiem il-qorti kkonċernata – Assenza tal-imsemmi obbligu – Osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività*

   *(It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE)*

1. It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti li kontra d-deċiżjonijiet tagħha jeżisti rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt intern, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza, fil-każijiet fejn l-appell ta' kassazzjoni ppreżentat minn deċiżjoni ta' din il-qorti ma jkunx ġie eżaminat minħabba r-rinunzja għall-atti tar-rikorrent.

Kif ġie enfasizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja diversi drabi, qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza tikkostitwixxi, mid-definizzjoni tagħha stess, l-aħħar istanza li quddiemha l-individwi jistgħu jinvokaw id-drittijiet mogħtija lilhom mid-dritt tal-Unjoni. Il-qrati li jiddeċiedu fl-aħħar istanza għandhom jiżguraw li, fuq livell nazzjonali, tingħata interpretazzjoni uniformi tar-regoli ta' dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler, C-224/01, EU:C:2003:513, punt 34, u tat-13 ta' Ġunju 2006, Traghetti del Mediterraneo, C-173/03, EU:C:2006:391, punt 31).

Minn dan jirriżulta li r-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (qorti tal-kawżi tal-barranin) ma tistax tiġi kkunsidrata bħala qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza, sa fejn id-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jiġu mistħarrġa minn istanza superjuri li quddiemha l-individwi jistgħu jinvokaw id-drittijiet mogħtija

lilhom mid-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, id-deċiżjonijiet li din tieħu ma jingħatawx minn qorti nazzjonali li kontra d-deċiżjonijiet tagħha ma jkun jeżisti ebda rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt intern, fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE.

Il-fatt li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tad-Digriet Irjali tat-30 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi l-proċedura ta' kassazzjoni quddiem il-Kunsill tal-Istat, rikorrent li jkun ippreżenta appell ta' kassazzjoni minn deċiżjoni tar-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (qorti tal-kawżi tal-barranin) huwa meqjus b'mod inkonfutabbli li jkun irtira ruħu mill-proċeduri fil-każ fejn huwa ma jkunx talab it-tkomplija tal-proċeduri f'terminu ta' tletin ġurnata minn meta huwa jkun ġie nnotifikat bir-rapport tal-auditoraat li ddeċidiet favur l-inammissibbiltà jew iċ-ċaħda tar-rikors, bl-ebda mod ma jeffettwa l-fatt li d-deċiżjonijiet tar-Raad voor Vreemdelingenbetwistingen (qorti tal-kawżi tal-barranin) jistgħu jiġu kkontestati quddiem istanza superjuri u, għaldaqstant, jingħataw minn qorti li ma tiddeċidix fl-aħħar istanza.

(ara l-punti 34, 36-38, u d-dispożittiv 1)

2. It-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza tista' tastjeni milli tressaq domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja meta appell ta' kassazzjoni huwa miċħud għal raġunijiet ta' inammissibbiltà inerenti għall-proċedura quddiem din il-qorti, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

F'dan ir-rigward, qabelxejn għandu jitfakkar li, sa fejn ma jeżisti ebda rimedju ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni ta' qorti nazzjonali, din tal-aħħar hija, bħala prinċipju, marbuta li tressaq talba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE meta tiġi invokata quddiemha domanda relattiva għall-interpretazzjoni tat-Trattat FUE (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Consiglio Nazionale dei Geologi, C-136/12, EU:C:2013:489, punt 25).

Mir-relazzjoni bejn it-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-qrati msemmija mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jgawdu mill-istess setgħa diskrezzjonali bħall-qrati nazzjonali kollha l-oħra f'dak li jirrigwarda l-punt jekk hijiex neċessarja deċiżjoni fuq punt ta' liġi tal-Unjoni sabiex dawn ikunu jistgħu jagħtu d-deċiżjoni tagħhom. Għalhekk, dawn il-qrati ma humiex marbuta li jirreferu kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mqajma quddiemhom jekk id-domanda ma tkunx rilevanti, jiġifieri fil-każijiet fejn ir-risposta għal din id-domanda, tkun xi tkun, ma jkun jista' jkollha ebda influwenza fuq is-soluzzjoni tal-kawża (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Consiglio Nazionale dei Geologi, C-136/12, EU:C:2013:489, punt 26).

Għaldaqstant, fil-każ fejn, konformement mar-regoli proċedurali tal-Istat Membru kkonċernat, il-motivi mqajma quddiem qorti msemmija fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli, talba għal deċiżjoni preliminari ma tistax tiġi kkunsidrata bħala neċessarja u rilevanti sabiex din il-qorti tkun tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha.

(ara l-punti 42-44, 56, u d-dispożittiv 3)